MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Numru 489/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Maria Dolores Grixti**

**Analyn Cremona**

**Elaine Mifsud**

**Seduta tal-lum 23 ta' Gunju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Maria Dolores Grixti** ta' 22 sena, bint Anthony u Consolata *nee'* D.Amato, mwielda Attard, fit-28 ta' Lulju,

1979, residenti 'Wenworth Court', nru. 12, Triq il-Kitten, San Gwann, u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 3407798M;
**Elaine Mifsud** ta' 19-il sena, bint Paolo u Christina *nee'* Sant, imwielda Pieta' fis-17 t'April, 1984, residenti 'Aruka', Buskett limiti ta' Had-Dingli, detemtrici tal-karta ta' l-identita' numru 211984M;
**Analyn Cremona** ta' 19-il sena, bint Victor u Catherine *nee'* Farrugia, mwielda pieta' fit-03 ta' Frar, 1984, residenti 'Redentur, Triq Fortunato Dalli, Zurrieq, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 91584M;

Billi intom akkuzati talli fis-07 t'April, 2003, ghall-habta ta' xi 7.00p.m., gewwa l-Belt Valletta:-

(a) Ikkomettejtu serq ta' mobile phone tal-marka 'Nokia' li l-valur taghhom huwa ta' Lm190 ghad-dannu ta' Daniel Anastasi mis-Swieqi u dan bi ksur ta' l-arikolu 261(c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) U aktar talli ghamiltu falzifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqtu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ffirmati, jew inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li f'dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' il-quich cash card u visa card tal-H.S.B.C. mahruga f'isem Daniel Anastasi u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet a' Malta.
(c) U aktar talli xjentement ghamiltu uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, u cioe' minn quick cash card u visa card mahruga f'isem Daniel Anastasi u damn bi ksur ta' l-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) U aktar b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejtu haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamiltu qliegh ta' Lm217 ghad-dannu ta' Daniel Anastasi u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijieyt ta' Malta.

(e) U aktar talli bi hsara ta' haddiehor, ghamiltu qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Daniel Anastasi u dan bi ksur ta' l-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(f) U aktar talli ghamiltu falsifikazzjoni jew xjentement ghamiltu uzu minn dokument falsifikat u cioe' minn quick cash casd u visa card mahruga minn awtorita pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(g) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxihom y dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tsal-Ligijiet ta' Malta.
(h) U aktar lil **Maria Dolores Grixti** u lil **Elaine Mifsud** wahedhom talli fl-istess data ghall-habta ta' xi 10.30a.m. ikkommettejtu serq ta' mobile phone tal-makra Nokia li l-valur tieghu huwa ta' Lm130 ghad-dannu ta' Brigada Arrigo minn San Giljan u dan bi ksur tal-artikolu 261(c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 tal-Kap 9 sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputati qablu li l-kaz kontra taghhom ikun tratt u deciz bl-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssib lill-akkuzati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 261 (c), 267, 279, 183, 184, 308, 189 u 334 tal-Kap 9.

Wara li kkonsidrat illi l-akkuzati ghandhom fedina penali netta, li ammetew l-akkuzi fl-ewwel seduta u li rritornaw mhux biss l-oggetti misruqa izda ghamlu tajjeb ghal-flus nieqsa li ma kienux ghandhom rappurtati, il-Qorti hi tal-fehma illi l-akkuzati jikkwalifikaw ghall-applikazzjoni tal-

provvedimenti tal-Kap 446. Ghalhekk tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-akkuzati imposti b'din is-sentenza.

Fuq talba tal-avukati difensuri, stante li l-istess talba hija gustifikata, tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputati izda jkun mifhum li din l-ordni hija bla pregudizzju ghal-dak li tista' tordna l-Qorti fil-futur f'kaz, mhux awgurat, illi l-imputati jitressqu biex iwiegbu ghal-ksur tal-kondizzjoni tla-artikolu 22 tal-Kap 446

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------